# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN



PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta
e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com
Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin



April 2023 — Ħarġa Nru 30



Kumitat 2023 - 25

President
Valent Xuereb

Viċi-President
(vakant)

Segretarju
Adrian Schinas

PRO Editur Fuljett
Norbert Gingell

**Teżorier**
Angele Xuereb

Membru responsabbli mill-Attivitajiet
Owen Caruana

Membru
Godfrey Mangion


## EDITORJAL

Għeżież Membri u Ħbieb,

Wasalna fil-ħarġa tal-fuljett nru 30. Bdejna l-ewwel darba fi Frar 2020 fejn ppubblikajna l-istejjer u ritratti tal-kappelli li żorna f'Ħaż-Żebbuġ. Nisperaw li nkomplu nagħtukom aktar edizzjonijiet ta' dan il-fuljett li qed ikun apprezzat minn ħafna.

F'dan ix-xahar t' April il-knisja kattolika tfakkar l-aħħar ġimgħa ta' Ġesu kif ukoll il-passjoni u l-irxoxt Tiegħu. Ħafna knejjes u kappelli jarmaw esibizzjonijiet f'dawn il-lokalitajiet sagri u nħeġġukom li tmorru żżuruhom.

Minn naħa tagħna qed nipproduċu tliett pitturi li huma relevanti għal dawn iż-żmienijiet imqaddsa li jinsabu : fil-mużew ta' Ħaż-Żabbar, fil-kappella ta' San Ġorġ fil-Qajjenza ta' Birżebbuġia, u fil-kappella ta' Santa Marija Assunta fil-Magħtab, fil-limiti tan-Naxxar.

Grazzi tal-appoġġ tagħkom.

**N. Gingell**
*Għal Kumitat*

**GĦAL AKTAR TAGĦRIF U STEJJER FID-DETTAL TAL-KAPPELLI ŻURU S-SIT WWW.KAPPELLIMALTIN.COM**

## IL-KUMITAT JAWGURALKOM L-GĦID IL-KBIR



Kristu Msallab - *Mużew Parroċċa H'Attard*



Id-Duluri - Kappella San Ġorġ Martri, Qajjenza, B'Bugia



Kristu Rxoxt - Kappella ta' Santa Marija Assunta, Tal-Magħtab, Naxxar

# IL-KAPPELLA TA' SAN BARTILMEW (BERT), ŻURRIEQ



L-ewwel kappella ddedikata lil San Bartilmew (jew San Bert) kienet inbniet fl-1482 u magħha kien hemm ċimiterju mifrud b'ħajt. Mons. Pietru Dusina kien żarha fl-1575 u jgħidilna li sabha f'kundizzjoni tajba, kellha artal u paviment, mgħammra b'dak kollu neċessarju, iżda la kellha rettur u lanqas dħul. B'danakollu ċertu Mikiel Mangion, li kellu xi raba f' *"Ta' Ħlantun"*, f'jum tal-festa li taħbat fl-24 t'Awwissu, kien jara li jiġi ċċelebrat l-għasar u quddiesa. Wara dawn iċ-ċelebrazzjonijiet il-qassis kien ikun mistieden għall-ikel u jitħallas tari. Iżda meta l-Isqof Michele Balaguer żarha fl-1658 sabha traskurata ħafna u pprofanha. Tant damet abbandunata li maż-żmien spiċċat biex iġġarfet.

Fl-1775 ingħata l-bidu tal-bini tal-kappella li naraw illum. Ġiet imbierka fl-1784 mill-Kappillan Dun Ġużepp Agius bħala delegat tal-Isqof Vincenzo Labini.

Il-kappella għandha faċċata ħelwa ħafna. Żewġ pari pilastri fi gruppi ta' tnejn stil Tuskan fuq pedestalli ftit għoljin jinsabu fit-truf tal-faċċata, li jibqgħu tilgħin sal-opramorta. Għandha bieb prinċipali rettangolari fin-nofs u aktar 'l fuq hemm tieqa. Fil-ġnub, fil-għoli hemm tieqa kbira fuq kull naħa.



Il-kappella minn ġewwa għandha pjanta kwadra b'daħla nofs tond li jifforma speċi ta' kor li fih hemm l-artal il-maġġur. Dan il-kor jifforma abside li jispiċċa b'lanterna li tagħti d-dawl għal fuq l-artal. Fuq kull naħa ta' dan l-artal hemm bieb li jagħti għas-sagristija. Din il-kappella għandha wkoll koppla li tistrieħ fuq erba' pillastri li wkoll tispiċċ b'lanterna.



It-titular : il-**martirju ta' San Bartilmew**

Il-kwadru titulari hu mqiegħed fi prospettiva ġawhra ta' skultura tassew sabiħa li tixhed il-ħila tal-iskultur Malti fil-ġebla Maltija fi stil Rokoko. Fil-ġnub tat-titular hemm żewġ kwadri oħra: wieħed juri lil San Publiju u l-ieħor li San Vinċenz Ferrer. L-iskultura sabiħa ta' madwar dawn iż-żewġ kwadri tikkumplimenta dik tat-titular.



**San Publiju**



**San Vinċenz Ferrer**

Minbarra l-artal maġġur hemm żewġ artali oħra: wieħed iddedikat lit-Trasfigurazzjoni ta' Kristu u l-ieħor iddedikat lil San Franġisk – hawn ukoll l-kwadri huma mżejna bi skultura tassew sabiħa.





It-**Trasfigurazzjoni ta' Ġesu**

San Franġisk

Jinsabu diversi sottokwadri li aktarx li huma attribwiti lil Franceso Zahra u Antoine de Favray.





Din il-kappella sarilha restawr, tinżamm f'kundizzjoni tajba u jagħmlu użu minnha għaqdiet reliġjużi.

***Kitba ta' Louis Fenech***

*Ritratti: N Gingell*

# IL-KNISJA TA' SAN LUQA – IŻ-ŻURRIEQ



Il-parroċċa taż-Żurrieq kienet waħda minn dawk l-għaxar parroċċi li Mons. Senatore De Mello kien ġabar fl-1436. Maż-Żurrieq kien hemm għadd ta' rħajla li kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu.

Fosthom kien hemm Bubaqra, in-Nigret, Ħal Far, Ħal Lew, Ħal Manin, Ħal Millieri kif ukoll il-Qrendi. Il-bidu ta' din il-kappella jmur lura għas-seklu ħmistax għalkemm il-binja li naraw llum saret fl-1814.

F'testment li sar fl-1460 min-Nutar Luca Sillato, Tarquino Zammit jgħid li kien Luqa Zammit li kien ħalla xi flus għall-kappella. Meta Mons. Pietro Dusina għamel il-viżta pastorali tiegħu fiż-Żurrieq u l-madwar tiegħu fl-1575, sab li kien hemm 37 knisja. Żewġ knejjes minn dawn kienu dedikati lil San Luqa (festa liturġika fit-18 t'Ottubru). It-tnejn kellhom artal u paviment iżda kienu bla bibien tal-injam u la kellhom Rettur u lanqas dħul. Mons Dusina kien ordna li din il-kappella tiġi rrangata.

Għaż-żewġ kappelli kien hemm benefatturi li kienu jieħdu ħsieb li ssir il-festa tal-qaddis b'quddiesa kantata u tinxtegħel il-lampa. Imma wara xi żmien iż-żewġ knejjes ġew traskurati, ipprofanati u ma tħalliex li jsir quddies fihom.

Din il-knisja li hija antika ħafna, tinsab fi triq li ġġib l-istess isem tal-qaddis.

L-ewwel knisja inbniet fil-ħmistax-il seklu minn Luca Zammit. Dan jirrizulta mit-testment li għamel dan Luca Zammit u ppublikat minn nutar Luqa Sillato fl-1460 li hemm imniżżel li din il-knisja inbniet minn Luca Zammit.



Mill-viżti tal-Isqfijiet Michele Balaguer u Paolo Alferan de Bussan jirriżulta li quddiem il-knisja kien hemm ċimiterju li kienu ndifnu fih dawk li kienu mietu bil-pesta tal-1592. Fil-fatt, fuq iz-zuntier hemm plier li fuqu hemm skolpit bust ta' persuna qisa ħierġa minn ġol-fjammi li qed idawruha – referenza għall-erwieħ tal-purgatorju. Taħt din ix-xbiha, fuq il-plier hemm skolpita wkoll ras ta' skeletru mistrieħa fuq żewġ għadmiet forma ta' 'exxe'. Dan biex iffakar li f'dan il-post kien hemm ċimiterju.

Sal-1747 il-knisja kienet tinsab f'kundizzjoni tajba, iżda għal xi raġuni ġiet mitluqa u kważi ġġarfet.

Fl-1814 Dun Giovanni Zammit, saċerdot Żurrieqi, iddeċieda li jibni mill-ġdid il-knisja li hi din li naraw illum. Milli jidher dan qabad u bena bla ma qabel ġab il-permessi meħtieġa mill-kurja bil-ħsieb li jagħmilha tiegħu bħala ġuspatronat, hekk li qatt ma tbierket. Iżda f'Awwissu tal-istess sena sar kuntratt bejn l-eredi ta' Dun Giovanni Zammit u l-Arċipriet biex b'hekk instabet soluzzjoni għall-problema li kien hemm, hekk li fl-aħħar il-kappillan taż-Żurrieq berikha..

Il-knisja għandha faċċata sempliċi, bieb rettangolari u xi erba' filati 'l fuq hemm tieqa kbira rettangolari wkoll li ddawwal il-knisja. Quddiem il-knisja nsibu z-zuntier.



Saqaf baxx u troll

Għandha pjanta rettangolari b'saqaf troll u baxx, u għandha wkoll sagristija. Wara l-artal hemm reredos skulturat li fih kien hemm it-titular li juri lil San Luqa qiegħed iżomm kwadru tal-Madonna b'Bambin magħha u puttinu jżomm ktieb miftuħ u rixa f'idu jserraħ ma' ras il-baqra.



Titular : San Luqa bil-pittura tal-Madonna, Francesco Zahra

Il-kwadru huwa xogħol Franceso Zahra, li tħallas 50 skud, u sar fl-10 ta' Ottubru 1743. Illum dan il-kwadru llum jinsab fil-knisja parrokkjali.



Kien jinsab fi gwarniċa tal-ġebel u fil-ġnub tiegħu hemm żewġ gwarniċi oħra, vojta wkoll. Il-faċċata hija sempliċi, b'żewġ pilastri lixxi fil-kantunieri li jerfgħu entablatura u kampnar vojt, Fuq il-bieb kwadru li għandu gwarniċa bil-lavur hemm tieqa rettangolari wieqfa u li fuqha għandha gwarniċa.

Illum il-kappella tintuża minn għaqda reliġjuża għal laqgħat u talb.

***Kitba ta'*** *Louis Fenech, Michael Debono u Anthony M Brincat*
*Informazzjoni miġbura u misluta minn diversi sorsi*

*Ritratti: N Gingell, u Internet*

# IL-KNISJA TA' SAN ĠAKBU, ŻURRIEQ



Din il-knisja li tinsab ftit 'il bogħod mill-knisja parrokkjali ta' Santa Katerina hija verament sabiħa mibnija fuq stil Barokk

Fir-rapport tal-monsinjur Pietro Dusina meta fl-1575 żar dan ir-raħal kien sab għaxar knejjes u 26 oħra fil-limiti tiegħu. Minn dawn, tmienja minnhom kienu ddedikati lill-Appostli, b'waħda minnhom lil San Ġakbu. Maġenb din il-knisja kienet teżisti, bħalma kienu jeżistu f'postijiet oħrajn, knisja oħra ddedikata lil San Ġwann il-Battista.

Fil-bidu tas-seklu tmintax in-nies taż-Żurrieq iddeċidew li jibnu knisja ikbar iddedikata lil dan il-qaddis. L-Isqof ta' Malta il-monsinjur Gori Mancini, ta l-approvazzjoni tiegħu biex jinħattu ż-żewġ knejjes żgħar ta' San Ġakbu u ta' San Ġwann ħdejha u fl-1725 inbeda x-xogħol ta' din il-knisja sabiħa li naraw illum.

Fis-seklu tmintax l-istil Barokk kien fl-aqwa tiegħu f'dawn il-gżejjer u għalhekk din il-knisja ġiet mibnija fuq stil Barokk tabilħaqq eleganti u klassiku. Il-proporzjonijiet tagħha eżatti u mirquma bi skultura sabiħa, huma xhieda li n-nies taż-Żurrieq riedu jagħmlu monument żgħir iżda sabiħ ta' stil Barokk fir-raħal tagħhom, ma' oħrajn li kienu jeżistu diġà.

Fl-24 ta' Ġunju tal-1731 il-knisja kienet lesta u ġiet imbierka u din is-sena hija mfakkra fil-kitba li hemm fil-prospettiva fuq il-kwadru titulari, fuq l- altar maġġur.

Il-knisja minn barra hija sabiħa daqs kemm hi sabiħa minn ġewwa. Il- faċċata hija mżejna bi tlett bibien, li tnejn minnhom huma mbarrati, u b'tieqa fuq kull bieb biex tiddawal il-knisja minn ġewwa. Il-faċċata hija mżejna b'pilastri u kontro-pilastri li fuqhom jitla' friż mad-dawra tal-faċċata kollha. Hemm ukoll frontispizju li fuq ix-xellug tiegħu jidher kampnar żgħir tassew ħelu. Il-kampnar għandu stil tassew oriġinali u ġo fih insibu 3 qniepen.



Il-knisja ferm sabiħa hija mibnija fuq numru ta' pilastri ta' stil Joniku li fuqhom jitla' friż li jdur mad-dawra tal-knisja kollha. Fiha tlett altari u tlett kwadri li huma mżejnin bi tlett prospettivi sbieħ minquxa fil-ġebla Maltija. L-iskultura tal-prospettivi hija xogħol il-magħruf skultur Paolo Zahra.

Il-prospettiva tal-altar hija maqsuma f'żewġ partijiet, parti tibda' mill- gwarniċun 'il fuq u l-oħra mill-gwarniċun 'l isfel. Fuq il-kwadru naraw dekorazzjoni, il-wisgħa kollu tal-kwadru b'kitba li tfakkar li din il-knisja hija ddedikata lil Sidtna Marija tal-Pilar u lil San Ġakbu. Mad-dawra ta' dan il-kwadru naraw din il-prospettiva bi skultura ħajja u mimlija movimenti. Din tinkludi weraq imtajra u mibruma flimkien ma' mazzettun bil-weraq li jingħaqad fil-kitba tan-nofs, li wara, din tibqa' nieżla sa' nofs il-kwadru.




Il-Madonna tal-Pilar ma' San Ġakbu
*Francesco Zahra ( 1710 - 1773 ) (att)*
*Kappella San Ġakbu Appostlu - Żurrieq*

Hemm ukoll anġli li jikkumplimentaw din il-prospettiva ferm sabiħa li tikkumplimenta l-kwadru titulari li jingħad li hu ukoll xogħol ta' Francesco Zahra. F'dan il-kwadru ferm sabiħ naraw lill-Madonna bil-Bambin Ġesù fuq dirgħajha u fuq kolonna, fid-dehra li kellha lil San Ġakbu appostlu, il- padrun ta' din il-knisja.

Fil-knisja nsibu zewġ altari oħra, wieħed fuq kull naħa tal-altar maġġur.



Marija Anunzjata

L-altar tan-naħa tax-xellug huwa ddedikat lil Marija Annunzjata, b'tifkira ta' knisja żgħira li fl-imgħoddi kienet tinsab f'dawn l-inħawi. Fuq dan il - kwadru u mad-dawra tiegħu naraw biċċa xogħol oħra ta' skultura mill-isbaħ għaliex fuq il-kwadru tidher ix-xbieha tal-Missier Etern, flimkien ma' żewġ anġli jistrieħu fuq l-isħab. Minn dan l-isħab toħroġ dekorazzjoni, għamla ta' widna, bi skultura tal-werqa tal-palm fit-truf tagħha u taħtha żewġ anġli kbar, wieħed fuq kull naħa. Wieħed mill-anġli jidher b'sinjal ta' adorazzjoni lejn il-misteru tat-Tħabbira ta' Sidtna Marija u l-anġlu l-ieħor qiegħed juri l-ferħ tiegħu permezz ta' dan il-misteru. Il-kwadru li jingħad li hu wkoll ta' Zahra hu verament artistiku b'mod speċjali d-dawl ħiereġ mill- Ispirtu s-Santu.



Madonna tad-Dawl

L-altar l-ieħor hu ddedikat lill -Madonna tad-Dawl. Hawnhekk ukoll għandna kwadru mill-isbaħ b'effetti tad-dawl ħajja. Żewġ anġli jidhru neżlin mis-sema bil-kuruna f'idejhom biex ipoġġuha fuq ras il-Verġni Mqaddsa, filwaqt li l-Bambin qiegħed jerfa' xi qlub mill-kannestru miżmum minn anġlu.

Fuq il-lemin tal-kwadru naraw ukoll lil San Ġwann il-Battista, li hu mpitter b'mod tabilħaqq artistiku, biex ifakkarna fil-knisja li kienet iddedikata lilu li kellha titneħħa biex tinbena din il-knisja. Dan il-kwadru sabiħ narawh miżmum minn żewġ anġli kbar tal-ġebel b'wieħed minnhom ħarstu lejn il-Madonna filwaqt li fuq il-kwadru naraw żewġ anġli jġorru kuruna kbira.



**Waħda miż-żewġ** gallariji

Barra din l-iskultura li semmejna wieħed josserva aktar skultura dettaljata fl-apside ta' din il-knisja, kif ukoll fiż-żewġ galleriji, li huma tabilħaqq oriġinali, li jinsabu ħdejn l-altar maġġur. Il-knisja għandha ukoll koppla kbira fuq stil ottangonali li ukoll hija sabiħa ħafna.



Il-koppla ġewwa minn taħt

F'din il-knisja fl-antik kienu jsiru diversi festi : dik *ad unur* San Ġakbu, tal-Madonna tal-Pilar, oħra fit-8 ta' Settembru, u dik tal-Lunzjata.

Wieħed jieħu gost jara li din il-knisja ferm sabiħa minħabba l-iskultura fuq stil barokk li fiha, hija miżmuma tajjeb ħafna. Tinfetaħ regolarment għax fiha jkun hemm s-Sagrament espost għall-adorazzjoni.

***Kitba ta' Tony Terribile***

*Informazzjoni misluta mis-sit www.kappellimaltin.com*

*Ritratti: N. Gingell*